MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 373/1997/1

Henry Glanville
vs
L-Onorevoli Prim Ministru bhala l-Ministru responsabbli ghall-Habs, u d-Direttur tal-Habs

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju, 1995, u b’mod iktar preciz fi Frar tal-1993, hu kien sofra ingustizzja billi, minghajr ma nghata l-ebda raguni u b’mod abbuziv u diskriminatorju kien gie avzat mill-Agent Direttur tal-Habs biex b’effett immedjat u sakemm jigu komunikati lilu struzzjonijiet ohra, ma jirrapurtax ghax-xoghol.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti. Ir-rikorrenti kien ilu mid-19 ta’ Frar, 1975 impjegat fil-Habs ta’ Kordin, kif kien jissejjah dak iz-zmien, l-ewwel bhala gwardjan u mit-8 ta’

Jannar, 1987 bhala Maggur. Hu dejjem kien ezemplari fix-xoghol tieghu.

Illi wara l-avviz biex ma jirrapurtax ghax-xoghol, hu kien thalla fi stat ta' indecizjoni u anzjeta` ghal tlett xhur shah. Tul dan il-perjodu hu ma kien sema' xejn minghand l-Awtoritajiet tal-Habs.

Illi wara dawn it-tlett xhur hu kien gie nfurmat mis-Segretarju tal-Ministru responsabbli ghall-Intern biex jibda jirraporta ghax-xoghol f'Hal Far f'dawk li jissejhu Sheltered Workshops ghal persuni b'dizabilita`. Il-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu saru ghal kollox differenti minn dawk ta' qabel. Anke biex imur ghax-xoghol kien ikollu juza t-transport tieghu personali u dan peress li l-anqas biss kienu jghaddu karrozzi tal-linja minn hdejn dawn il-Workshops.

Ir-rikorrent kien dam jahdem f'dawn il-kundizzjonijiet sat-28 ta' April, 1997 meta kien rega' gie mibghut lura ghall-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin biex jaqdi dmirijietu hemm. Nel frattemp, hu kien gie mcahhad milli japplika ghas-sejha biex jigu nominati Assistant Managers u Supervisors fil-Habs, kariga li r-rikorrent hass li kien kompetenti li jaqdi. Inoltre, hu kien sofra danni billi bit-trasferiment tieghu kien gie mcahhad li jahdem overtime, jircievi allowance ghal Hdud u Festi li ghamlu kollegi tieghu li baqghu jahdmu fil-Habs. Minkejja dan kollu, ir-rikorrent dejjem kien igib ruhu b'mod ezemplari fuq il-post tax-xoghol tieghu.
Ghalhekk, ir-rikorrenti talab lil dan it-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi ordnat li: (1) jigi kkumpensat ghall-overtime u allowances ghal Hdud u Festi Pubblici li l-istess rikorrenti gie mcahhad ghalihom ghar-ragunijiet suesposti; (2) jinghata l-appuntament ta' Assistant Manager jew Supervisor, okkorrendo anke permezz ta' ezercizzju komparattiv tal-kwalifiki tieghu ma' dawk tal-persuni li eventwalment gew maghzula biex jimlew dawn il-gradi; (3) jinghata kumpens xieraq ghad-danni kollha minnu subiti, anke dawk ta' natura mhux materjali, jew

inkella, jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' hamest elef lira (Lm5,000).

Ra l-lista ta' xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-Sur Louis Cilia, Segretarju Permanenti (Affarijiet Interni) u s-Sur Peter Cordina, Agent Direttur tal-Habs, li eccepew illi:

1. Henry Glanville kien dahal il-habs bhala Warder fid-19 ta' Frar, 1975. Hu kien gie appuntat bhala Warder I fl-10 ta' Gunju 1977 u bhala Principal Warder fit-8 ta' Jannar 1987.

2. Fl-20 ta' Frar 1993 Henry Glanville kien gie nfurmat mill-Agent Direttur tal-Habs li huwa ma kellux jirraporta ghax-xoghol sakemm ikun hemm avviz iehor. Ma' Glanville kien hemm ghaxar ufficcjali ohra tal-habs li kienu gew avzati bhalu. Matul dan il-perjodu ta' forced leave Glanville kien imhallas il-paga shiha li kien intitolat ghaliha.

3. Il-Gvern ta' dak iz-zmien kien iddecieda li jibda riforma fil-habs li tbiddel il-kuncett minn wiehed bazat biss fuq sistema karcerarja ghal wahda bazata fuq ir-riabilitazzjoni tal-prigunier. Bhala rizultat ta' dan jidher li kienet saret decizjoni li certu impjegati antiki fi gradi ta' supervizjoni fil-habs kellhom jigu trasferiti mill-habs. Ma kienx irrizulta mill-files il-ghala u fuq liema criteria kienu ntghazlu dawk l-ghaxar individwi u mhux ohrajn.

4. Fil-25 ta' Frar 1993, kienu qamu l-irvellijiet fil-habs. Glanville ma kienx on duty dak in-nhar billi mad-disgha l-ohra kien bil-forced leave.

5. Jirrizulta li mill-process verbal datat 6 ta' April 1993 preparat mill-Magistrat Silvio Meli dwar l-irvellijiet tal-25 ta' Frar 1993 ma kien gie identifikat l-ebda impjegat fil-Habs bhala li b'xi mod kien responsabbli tal-kagun ta' l-irvellijiet.

6. Bhala rizultat ta’ dan jidher li l-awtoritajiet kompetenti kienu ddecidew li jsejhu lura lill-ghaxar ufficjali li kienu on forced leave biex jidhlu lura ghax-xoghol fil-Habs, hlief dawn li jidhru hawn taht li gew trasferiti ghal Dipartimenti ohra:-

* John Cordina li kien gie trasferit l-Akkademja tal-Pulizija
* Emanuel Cini li kien gie trasferit id-Dipartiment tas-Sahha
* Henry Glanville li kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Socjali (Family and Social Welfare)
* Michael Vella li kien gie trasferit fid-Dipartiment tad-Djar.

Mir-records ma kienx jidher li nghatat raguni l-ghala kienu gew trasferiti mill-Habs dawn l-erba’ impjegati biss.

7. Fit-13 ta’ Mejju 1994 kien gie ffirmat ftehim bejn id-Direttorat-Generali ta’ l-Intern u l-Management Personnel Office (MPO) intitolat ‘New Salaries and Conditions for Officers Serving within Correctional Facilities (Prisons)’. Jidher li skond dan il-ftehim, li kieku Glanville kien baqa’ jahdem il-Habs hu kien jigi assimilat bhala Senior Correctional Officer fi skala 10 tal-pagi b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991. Din, pero`, kellha tigi konfermata mill-Management Personnel Office billi huma l-awtorita` li tapprova dawn l-assimilazzjonijiet. Fil-fatt l-istess Ufficcju tal-Management Personnel Office kien approva fl-10 ta’ Ottubru 1994 li b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991 Glanville kellu jigi assimilat fi skala 12 tal-pagi bhala Officer in grade 12 billi huwa ma kienx qed jahdem gewwa l-habs skond il-ftehim imsemmi iktar ‘il fuq f’dan il-paragrafu.

8. Henry Glanville kien gie trasferit lura l-Habs bhala Officer in Grade 12 fit-8 ta’ April 1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Irrizulta illi r-rikorrent kien dahal il-habs bhala Warder fid-19 ta' Frar 1975 u gie appuntat bhala Warder I fl-10 ta' Gunju 1977 u Principal Warder fit-8 ta' Jannar 1987. Gara izda li fl-20 ta' Frar 1993 gie nfurmat mill-Agent Direttur tal-Habs li huwa ma kellux jirraporta ghax-xoghol sakemm ikun hemm avviz iehor. Din l-ordni rcevewha bil-miktub u ffirmata mill-Assistent Kummissarju Josie Brincat. Din il-posizzjoni damet ghal xi tlett xhur matul liema zmien kien ircieva l-paga pero` ebda allowance u ovvjament ebda overtime. Ma' Glenville biex ma jirrapurtax ghax xoghol kien hemm ghaxar ufficcjali ohra tal-habs li gew avzati bhalu. Dawn kienu qeghdin on forced leave izda mhallsa l-paga shiha. Dan jidher li kien in segwitu ta' dak li fil-fatt gieli semma riforma tal-habs u kien gie deciz li certu impjegati antiki fi gradi ta' supervizjoni fil-habs kellhom jigu trasferiti mill-habs. Izda ma rrizultax fuq liema bazi ntghazlu dawk l-ghaxar individwi. Inoltre jirrizulta wkoll illi l-awtoritajiet kompetenti ddecidew li jsejhu lura lill-ghaxar ufficjali li kienu on forced leave biex jidhlu lura ghax-xoghol fil-Habs, hlief ghal erba' biss fosthom lir-rikorrent li kien gie trasferit fid-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Socjali. Ir-rikorrent kien gie trasferit ghal Shelter Work Shop Hal-Far ghal persuni b'dizabilita fejn ir-rikorrent baqa' jahdem hemmhekk ghal erba' snin meta mar lura l-habs. Ir-rikorrent sostna li tilef l-opportunita` ghal zewg promozzjonijiet matul dak iz-zmien. L-ewwel promozzjoni ghal dik ta' supervisor u t-tieni ghal ta' Assistant Manager u dan ghax ma kienx ghadu fid-Dipartiment tal-Habs. Barra mill-imsemmija promozzjonijiet li tilef l-opportunita` ghalihom ir-rikorrent sostna li hu ma setax jibbenefika l-anqas minn "new salaries and conditions for officers serving within the correctional facilities" cioe il-habs u dan minhabba li ma komplix jahdem il-habs.

Xehed Peter Cordina li kien Agent Direttur fl-1993 u sostna li ma kellux x'jaqsam xejn mad-Dokument A fejn ir-rikorrent gie infurmat biex immedjatament u sakemm jircievi istruzzjonijiet ohra ma jirrappurtax ghax-xoghol.

Xehed it-Tabib Vincent Moran u semma li ghall-habta ta' l-1993 ir-rikorent kien imur ghandu u kien jilmenta minn attakk nervus u dwejjaq.

Xehed Louis Cilia u semma li r-rikorrent kien gie trasferit ghas-Social Welfare Hal Far fl-1993 u kienu qalulu biex ma jibqax jirrappurtaw ghax-xoghol il-habs. Dak iz-zmien kien ghadu ma hax l-appointment ta' Direttur Generali tal-Habs. Kien il-Ministru li ta dik l-ordni.

Meta sar Direttur Generali tal-Habs f'Gunju ta' l-1993 kien jaf li hemm xi haddiema li ma kienux kuntenti li qeghdin jahdmu f'post iehor, fosthom ir-rikorrent.

Manuel Cassar Agent Direttur tal-Habs ikkonferma l-kontenut tar-risposta tad-Dipartiment u semma li fil-mument il-grad tar-rikorrent huwa dak ta' Senior Correctional Officer. Semma r-rapport tal-Imhallef Caruana Curran dwar allegazzjonijiet ta' trattament hazin fuq il-habsin precedentement ghall-istruzzjonijiet biex numru ta' haddiema ma jibqghux jirrappurtaw ghax-xoghol aktar il-habs u diversi minn nies gew trasferiti mill-habs.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent istitwixxa r-rikors tieghu kontra l-Onorevoli Prim Ministru bhala Ministru responsabbli ghall-Habs u kontra d-Direttur tal-Habs. Fil-fatt ma nghatat ebda eccezzjoni f'dan ir-rigward izda t-Tribunal ihoss li hu stess ghandu jqajjem il-kwistjoni dwar l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f'idejn il-Ministru jew Prim Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza tkun vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Ghalhekk it-

Tribunal jirrileva li l-kawza ma jmissiex giet istitwita kontra l-Prim Ministru u ghal din ir-raguni jillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-kaz jirrigwarda lil Kap tad-Dipartiment li naturalment huwa d-Direttur tal-Habs.

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent fl-1993 kien gie moghti struzzjonijiet biex ma jirrappurtax ghax-xoghol wara li hu kien jahdem ta' Principal Warder. In segwitu kien ghamel xi xhur fuq forced leave u wara kien gie trasferit. Ma rrizultatx ir-raguni ghala hu kien wiehed minn dawk l-ghaxra li fil-fatt kien imqieghed fuq forced leave u l-anqas ma nghatat raguni valida ghaliex hu kien wiehed minn dawk l-erba' li effettivament kien gie trasferit ghal Dipartiment iehor.

Kawza ta' dan it-trasferiment, ir-rikorrent tilef allowances u overtime, kif ukoll barra minn hekk illi jidher li tilef ic-cans tieghu ghall-promozzjonijiet tant li anke l-istess risposta li tinsab a fol 5 tal-process jinghad li jidher li skond il-ftehim li kieku Glanville baqa' jahdem il-habs hu kien jigi assimilat bhala Senior Correctional Officer fi skala 10 tal-pagi b'effett mill-1 ta' Jannar 1991. Peress li ma nghatat ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent kien fil-fatt gie trasferit jidher li l-ilment tar-rikorrent huwa gustifikat. Huwa dritt ta' kull Gvern li juza l-policy li hu jidhirlu li hija necessarja fl-amministrazzjoni tal-pajjiz kif ukoll ta' sezzjonijiet partikolari jew dipartimenti partikolari, izda fl-istess hin meta ssir din il-policy wiehed ghandu joqghod attent illi kemm jista' jkun ma jolqotx id-drittijiet tal-haddiema. Dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju li ma kienx hemm intenzjonijiet hziena meta ttiehdet l-azzjoni, izda minn naha l-ohra kawza ta' dan l-agir ir-rikorrent baghta l-konsegwenzi. L-ewwel meta ghal tlett xhur shah kellu zgur tensjoni fuqu dwar dak li sejjer jigri minnu u in segwitu peress li mar f'post iehor u tilef overtime, allowances kif ukoll il-possibilita` ta' promozzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal isib li saret ingustizzja u minhabba f'hekk peress li jirrizulta li r-rikorrent kien jigi assimilat bhala Senior Corretional Officer fi skala 10 tal-paga b'effett mill-1 ta' Jannar 1991 li kieku baqa' jahdem

il-habs jordna li fil-fatt ir-rikorrent jinghata l-kariga ta' Senior Correctional Officer mill-imsemmija data ta' l-1 ta' Jannar 1991, kif ukoll li jigi mhallas l-arretrati ta' tali posizzjoni, kif ukoll li jitpogga fil-lista tas-seniority daqs kemm ha l-kariga f'dik id-data u inoltre jigi moghti addizzjonalment is-somma ta' Lm500 ta' overtime illi hu tilef kawza tat-transfer.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------